MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 48

1 ta' Frar 2011

Minuti tas-Seduta Nru. 48 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta l-1 ta' Frar 2011.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku ppropona li l-minuti segwenti jiġu emendati biex jinqaraw kif ġej:

Ref: A/5/3/6/Vol III

"*2.6.4. Is-Sindku wieġeb li t-trackless train toħloq effett sabiħ taħt it-tinda, filwaqt li ma ttellef xejn mill-attivitajiet li jkunu għaddejjin. Huwa qal li ntervjena meta kienu qed jindaqqu qniepen minn stand partikulari, waqt li kien għaddej l-ispettaklu fuq il-palk, peress li fl-opinjoni tad-diriġenti tal-Għaqda Mużikali Imperial kien qed itellef.*"

Ref: P/3/5

"*4.6.2. Is-Sindku rrefera għall-e-mail datat 10 ta' Jannar 2011, mibgħut mis-Sur David Azzopardi li ppropona lill-Kunsill sabiex jippubblika xogħol ta' proża li huwa kiteb bit-titlu "Iz-Żija tal-Mellieħa". Is-Sur Azzopardi bgħatt ukoll siltiet mill-istess kitbiet. Meta huwa ġie kkuntattjat qal li l-ktieb fih madwar 100 paġna, u bħala rikonoxximent qed jitlob li jingħata 20 kopja biss. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li huwa diġa ddiskuta b'mod informali din il-proposta mal-Kunsillier J. Buttigieg.*".

Ref: A/5/3/Vol X

"*4.7.3. Il-Kunsill laqa' l-istedina, filwaqt li jikkonsidra dwar min ikun jista' jieħu sehem hekk kif jingħataw aktar dettalji.*".

Ref: T/3/1

"*11.2. Wara li nġibdet l-attenzjoni mill-Kunsillieri C. Bartolo u H. Fenech, is-Sindku ppropona li l-ismijiet tal-istabilimenti li ġew inseriti fil-tabella li twaħħlet fi Triq l-Armier, kantuniera ma' Triq il-Marfa għandhom jinbidlu mal-ismijiet tal-bajjiet u postijiet oħra ġewwa l-Aħrax.*".

1.2. Il-Kunsillier C. Bartolo ppropona li l-minuta 7.8. (Ref: P/4/14) tinqara kif ġej:

"*7.8. Ġie deċiż ukoll li Galea Curmi Engineering Consultants bħala contract manager tal-Kunsill fuq id-Dwal tat-Toroq għandhom jintalbu jħejju dokument tal-offerta li jinkludi l-blat ta' taħt il-playing u l-colour filters sabiex jiġi fornut it-tagħmir meħtieġ, biex ikun jista' jintrama fuq il-post mill-kuntrattur responsabbli mid-Dwal tat-Toroq, Lighthouse Keepers.*".

1.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg talab li l-minuta 12.4. tinqara hekk:

"*12.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkumment li bil-proposta deskritta fil-minuta 12.3 ser titneħħa l-ħolqa bejn iċ-ċentru tal-Mellieħa u ż-żona Tas-Sellum. Bl-istess arranġament, mhux ser jibqa' possibbli li l-ħruġ minn Misraħ il-Parroċċa għal Triq Salvinu Vella u Triq l-Erwieħ, filwaqt li t-traffiku kollu li joħroġ minn Triq Sant' Elena, Triq it-Tonn, Triq il-Kappillan Magri u Triq Adenau, irid jgħaddi kollu minn wara l-Knisja. Is-Sur Buttigieg ippropona wkoll li l-Feeder Line titħalla tgħaddi kontra l-one-way fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Is-Sindku wieġeb li Transport Malta hija kontra l-proposta li saret dwar il-Feeder Line.*".

1.4. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta Nru. 47 tas-12 ta' Jannar 2011 bl-emendi mressqa, liema minuti ġew għalhekk iffirmati.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Riġenerazzjoni f'Oqsma tal-Bini tal-Gvern (B/7)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti. Huwa fakkar li saret konsultazzjoni mal-kunsillieri kollha permezz tal-*e-mail* dwar it-tip ta' applikazzjoni li għandha tiġi sottomessa peress li l-Kunsill kien ser jiltaqa' wara d-data tal-għeluq fit-28 ta' Jannar 2010.

2.1.3. Is-Segretarju għarraf li saret applikazzjoni sabiex tingħata dehra aħjar fl-*areas* bejn il-blokki fil-Qasam Ta' Pennellu, kif ukoll sabiex titjieb l-aċċessibilita` u jinbidlu siġar tal-accacia u l-eucalyptus ma' oħrajn indiġini. L-aspett edukattiv tal-iskema tħalla barra peress li l-Kunsill diġa jorganizza korsijiet għal-lokalita` kollha u għalhekk ma jkunx vijabbli li jsir korsijiet speċifikament għar-residenti fil-Qasam Ta' Pennellu.

2.1.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.2.1. Twaqqif ta' monument fir-*roundabout* ta' Triq Qasam Barrani / Triq il-Mitħna l-Ġdida (K/6/4/1)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi wara li saru l-verifiki meħtieġa, intbagħtet ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent Hal Mann Ltd.

2.2.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.3.1. *Notti Blu* 2011 f'Pozzallo (A/5/3/Vol X)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.7.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Comune di Pozzallo ta aktar dettalji dwar in-Notti Blu 2011, fosthom id-dati li ser ikunu bejn id-29 u 30 ta' April u fl-1 ta' Mejju.

2.3.3. Huwa qal ukoll li fil-11 ta' April 2011, l-istess Comune ser jorganizza tellieqa li għaliha stiednu sitt atleti mill-Mellieħa.

### 2.4.1. Proġett "Festa Ġemellaġġi 2011" (K/12)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.8.1. għarraf illi wara stedina li saret lil lokalitajiet ġemellati mal-Mellieħa, jidher li dik ta' Agia Napa ser jipparteċipaw, filwaqt li ta' Cavriglia wieġbu fin-negattiv. Il-Kunsill ta' Adenau kien għadu ma tax tweġiba definittiva.

2.4.3. Is-Segretarju fakkar li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali żied l-għajnuna finanzjarja għall-barranin li ser jieħdu sehem biex ikopru t-titjiriet u l-akkommodazzjoni minn €50 għal €100.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jekk din l-allokazzjoni ma tkunx biżżejjed, id-differenza għandha tittieħed mill-vot tal-Ġemellaġġi (3800).

**2.5.1. Tabelli tal-Lokalita` ġodda (T/3/1)**

**2.5.2.** Is-Sindku irrefera għall-minuta 10.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li d-ditta Media Trendz Communications (MTC), interessata li twaħħal tabelli tal-lokalita` taħt ftehim li abbozz tiegħu ġie mgħoddi lill-Kunsill. Ġie spjegat illi dan jipprovdi li:

- Il-postijiet fejn jitwaħħlu t-tabelli kif ukoll in-numru tagħhom jiġu miftiehma bejn MTC u l-Kunsill;
- It-tabelli jibqgħu proprjeta` ta' MTC tul il-perjodu tal-ftehim;
- Il-ftehim ikopri perjodu ta' għaxar snin;
- Il-ftehim iżomm lill-Kunsill milli jidħol fi ftehim simili ma' terzi;
- Il-Kunsill ma' jitlob ebda kumpens mingħand MTC, iżda għandu jingħata spażju wieħed fuq kull tabella, mingħajr ħlas tul il-perjodu tal-ftehim;
- L-ispejjeż kollha meħtieġa biex jiġu aġġornati r-riklami jew l-avviżi jridu jagħmlu tajjeb għalihom MTC;
- Il-Kunsill ma jkollux dritt għad-danni jew xi kumpens ieħor f'każ li t-tabelli ma jkunux qed jiffunzjonaw għal perjodu raġonevolment qasir;
- MTC jkunu responsabbli għall-kisba tal-permessi meħtieġa, kif ukoll għall-provista tal-elettriku;
- Kemm-il darba l-permess jiġi rtirat mill-awtoritajiet kompetenti, il-ftehim bejn il-Kunsill u MTC jispiċċa;
- Materjal meqjuż bħala offensiv jew ta' natura politika huwa pprojbit;
- Kull tolleranza jew nuqqas ta' infurzar ta' xi klawsola fil-ftehim minn xi wieħed mill-partijiet m'għandiex titqies bħala tneħħija ta' xi dritt mogħti taħt il-ftehim.

**2.5.3.** Wara li ġie moqri l-ftehim, il-Kunsill dehrlu li huwa aċċettabbli u għalhekk awtorizza lis-Sindku sabiex jiffirmaħ.

**2.6.1. Riforma fit-Trasport Pubbliku (T/5/1/Vol II)(T/3/3/Vol IV)**

2.6.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 12.2. tas-seduta preċedenti, u għarraf li huwa flimkien mal-*Contracts Manager* marru fuq il-post fi Triq Lewis Wettinger, kantuniera ma' Triq il-Mitħna l-Qadima. Dan bil-għan li din il-*junction* tiġi ddisinjata mill-ġdid sabiex ikunu jistgħu jieqfu l-karozzi tal-linja. Is-Sur E. Bartolo qal ukoll li l-perit talab *survey* ta' dan il-post ħalli jkun jista' jfassal il-proposta tiegħu li tinkludi *bus stop*.

2.6.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**2.7.1. Stat ta' indafa fil-postijiet għall-ikkampjar (C/4/Vol III)**

2.7.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 15.1. tas-seduta preċedenti, u għarraf li l-kuntrattur responsabbli mit-tindif tat-toroq mhux urbani intalab jpoġġi *bins-on-wheels* fil-postijiet fejn huwa permess l-ikkampjar ġewwa l-Aħrax, kif ukoll fi Triq l-Armier kantuniera ma' Triq Ramlet il-Qortin.

2.7.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. PA 0825/07 – Bini ta' impjant għall-Ippakkeġġjar tal-Ħut f'Selmun (P/5/8/I)**

2.8.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-MEPA ma' taw ebda ordni biex jieqaf ix-xogħol fuq l-impjant, iżda talbet parir lill-konsulent legali tagħha sabiex tivverifika dwar jekk il-proċedura fl-ipproċessar tal-applikazzjoni kienx skond il-liġi. Id-Dipartiment tal-Artijiet, min-naħa tiegħu ta ordni biex jieqaf kollox fuq punt legali.

2.8.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll illi wara l-laqgħa li kien hemm fit-23 ta' Jannar 2011 bejn id-diriġenti ta' P2M Ltd u l-Kunsill, huwa kellu laqgħa oħra fit-30 ta' Jannar 2011 mas-Sur Robert Aquilina mill-istess kumpanija. F'din il-laqgħa ġew iċċarati aktar l-intenzjonijiet ta' P2M Ltd dwar l-impjant ta' Selmun, li jistgħu jidħlu fi ftehim li jsir mal-Kunsill. Dan ikun jittratta diversi aspetti tal-iżvilupp, fosthom li:

- Fuq il-bejt ma jitqiegħed ebda makkinarju, inkluż dak użat biex isir is-silġ, tankijiet u apparat tal-arja kkundizzjonata;
- Ħatt u tagħbija ta' vetturi jsir fil-bitħa tal-impjant;
- Jitħawwlu siġar maturi mal-ħajt tal-periferija tal-impjant;
- Kemm-il darba l-kumpanija tiddiversifika l-operat tagħha u tidħol għat-tkabbir ta' ħut ieħor, irid isir ftehim ġdid mal-Kunsill. L-ipproċessar tat-tonn mhux permissibbli;
- Il-ħasil ta' xbiek mhux ser isir fl-impjant f'Selmun; u
- Il-impjant jiġi ntegrat fil-*heritage trail* illi jkun aċċessibbli għall-pubbliku, li jkopri Selmun, l-Imgiebaħ u l-Mistra;

2.8.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg esprima d-dubji tiegħu kemm ftehim ta' din ix-xorta jorbot lill-kumpanija u għalhekk ippropona li jittieħed parir legali. Huwa rrefera wkoll għal artiklu li deher fil-ħarġa tal-gazzetta "It-Torċa" tat-30 ta' Jannar 2011 miktub minn Paul P. Borg. Is-Sur J. Buttigieg qal li dan kienih numru ta' ineżattezzi dwar żvilupp li sar fil-passat ġewwa Selmun.

2.8.5. Is-Sindku kkummenta li l-artiklu ta' Paul P. Borg daħal fil-politika. Kompla jgħid li huwa qagħad attentent li ma jkunx politiku fl-intervisti li kellu fuq il-media dwar dan is-suġġett. Is-Sur R. Cutajar rrefera wkoll għall-protest ġudizzjarju li sar kontieħ personali, kif ukoll lil Kunsill. Is-Sur R. Cutajar għaraf sar użu mis-servizzi tal-avukat tiegħu u mhux tal-konsulent legali tal-Kunsill, biex ġie ppreżentat il-kontro-protest.

2.8.6. Fuq suġġeriment mill-Viċi Sindku E. Bartolo, ittieħed in konsiderazzjoni li l-protest kien indirizzat f'isem il-Kunsill ukoll, kif ukoll li s-Sur R. Cutajar kien qed jaġixxi fil-kapaċita` tiegħu ta' Sindku, kien hemm qbil li l-ispejjeż legali li jkun hemm għandhom jitħallsu mill-istess Kunsill.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 06/01/11 – 27/01/11
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 21/12/10 – 21/01/11
- *Purchase Request Form* – 27/01/11
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Abbozz tal-Estimi Finanzjarji 2011
- Abbozz tal-Pjan ta' Ħidma 2011-2013
- Minuti – *Tender Adjudiciation Board* – 17/01/11
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 24/01/11

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Arranġamenti tat-Traffiku fi Triq Vincenzo Ciappara (T/3/2/Vol IX)

4.1.2. Saret referenza għal e-mail datat 17 ta' Jannar 2011, mibgħut mill-Kap tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa fejn inġibdet l-attenzjoni għall-periklu li jeżisti meta t-tfal jaqsmu t-triq imsemmija biex jmorru fil-*Ground* Ta' Pennellu. Minħabba din ir-raġuni intalab biex issir *zebra crossing*, tabelli li jindikaw il-preżenza tat-tfal, u *road humps*.

4.1.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li Transport Malta diġa rrifjutaw talba li saret f'Awwissu 2009 biex issir *zebra crossing* fil-post in kwistjoni. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li diġa jeżistu tabelli li jindikaw il-preżenża ta' tfal tal-iskola.

4.1.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir spezzjoni fuq il-post flimkien ma' rappreżentant mill-Taqsima għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fi ħdan Transport Malta.

### 4.2.1. Żjara f'Agia Napa Ċipru miż-żeffiena ta' Artemocion Studio (S/6/Vol IV)

4.2.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 19 ta' Jannar 2011, mibgħut mis-Sinjorina Corinne Turner, diretriċi tal-Artemocion Studio. Fl-istess e-mail intqal li fil-ġimgħat li ġejjin numru ta' studenti Melleħin li jiffurmaw parti mill-Atemocion Studio ser jagħtu wirja ta' żfin f'Ċipru

mtella' mill-Kunsill ta' Agia Napa, li hija lokalita` ġemellata mal-Mellieħa. Din l-attivita` ser tkun parti miċ-ċelebrazzjonijiet li jiġu organizzati mill-istess lokalita` fi żmien l-Għid. Il-Kunsill intalab jagħti l-għajnuna tiegħu billi jagħmel tajjeb għat-trasferimenti bejn l-ajruport ta' Larnaca u Agia Napa u lura.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din iż-żjara ser tkompli ssaħħaħ il-ġemellaġġ bejn il-Mellieħa u Agia Napa u għaldaqstant iddeċieda li għandu jikkontribwixxi sa massimu ta' €300 għat-trasport meħtieġ.

### 4.3.1. Ġbir ta' Skart Domestiku mill-inħawi tal-*Boathouses* (B/4/4/Vol II)

4.3.2. Saret referenza għall-ittra datata 28 ta' Jannar 2011, mibgħuta minn Armier Developments Ltd, għan-nom tal-Kumitat tal-Għaqdiet tas-Sidien tal-Kmamar fl-Armier sabiex il-Kunsill jikkontribwixxi għas-servizz tal-i*skips* li attwalment qed jiġi ffinanzjat kollu mill-istess għaqdiet.

4.3.3. Il-Kunsill osserva li l-allegazzjoni illi saret fl-ittra msemmija fis-sens li "*il-Kunsill qed jingħata l-flus fil-konfini tal-Mellieħa, u għaldaqstant il-Kunsill irid iħallas*". Ġie spjegat li din hija nofs verita' peress li ż-żoni tal-*boathouses* f'Ramlet il-Qortin u t-Torri l-Abjad huma meqjusa mill-Gvern Ċentrali bħala *non-urban areas* u mhux bħala postijiet residenzjali. Teżisti differenza sostanzjali, peress li l-ewwel każ jinvolvi qtugħ ta' ħaxix u *litter picking*, filwaqt li t-tieni jinvolvi l-knis tat-toroq flimkien mal-ġbir ta' skart domestiku bieb bieb. Intqal ukoll li fl-aħħar snin, il-Kunsill kien qed jalloka 10 *open skips*, kif ukoll ġew introdotti il-*bring-in sites* fiż-żoni in kwistjoni.

4.3.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li jiġu konċessi seba' *skips* min-numru li huma nklużi fil-kuntratt tal-ġbir tal-iskart domestiku.

4.3.5. Il-Kunsill laqa' il-proposta mressqa fil-minuta 4.3.4., iżda kien hemm qbil li għandhom jiġu spjegati l-arranġamenti stabbiliti mill-Gvern Ċentrali f'dawk li huma d-doveri tal-Kunsill Lokali fir-rigward ta' Ramlet il-Qortin u t-Torri l-Abjad.

### 4.4.1. Attivita` sportiva flimkien mal-Mellieħa Football Nursery (S/6/Vol IV)

4.4.2. Inqrat ittra datata l-1 ta' Frar 2011, mibgħuta mill-Mellieħa Football Nursery, dwar *penalty shoot-out* li hija ppjanata għat-13 ta' Marzu 2011. Il-Kumitat tan-*Nursery* appella lill-Kunsill sabiex jappoġġa din l-attivita` billi jissieħeb fl-organizzazzjoni tagħha.

4.4.3. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru kuntatti mad-direzzjoni tan-*Nursery*, bil-għan li jiġi stabbilit il-mod kif tista` tingħata l-għajnuna.

### 4.5.1. Laqgħa għall-Bdiewa u r-Raħħala (M/6/Vol V)

4.5.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat l-1 ta' Frar 2011, mibgħut mill-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, fejn intweriet ix-xewqa li ssir il-laqgħa msemmija fil-11 ta' Marzu 2011 fis-7.00pm. L-Aġenzija talbet lill-Kunsill jindika post fejn din tista' isseħħ fil-Mellieħa.

4.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-laqgħa tista' issir fid-data msemmija fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 27 ta' Jannar 2011.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn is-6 u s-27 ta' Jannar 2011. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li sar bejn il-21 ta' Diċembru 2010 u l-21 ta' Jannar 2011.

6.3. Il-Kunsill approva ż-żewġ skedi msemmija u għalhekk ġew iffirmati.

## 7.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2011 (A/5/3/6/Vol III)

7.2. Is-Sindku għarraf li tkomplew il-kuntatti bejnu u l-Kunsillier C. Bartolo dwar dan is-suġġett u qed jiġi propost li s-serata li fiha jiġu ppreżentati l-onorefiċenzi tkun nhar il-Ħamis 24 ta' Frar 2011. Dan peress li l-għada l-Ġimgħa, is-sala tal-lukanda Golden Sands ser tkun okkupata.

7.3. Ġie propost ukoll li fis-serata tal-24 ta' Frar, in-nominati kollha għandhom jingħataw kopja tal-ktieb "*Quest For Identity – The Mellieħa Experience*" ta' Paul P. Borg, flimkien ma' *lapel badge* bl-istemma tal-Kunsill Lokali Mellieħa. Ġie ssuġġerit ukoll li l-President ta' Malta Dr George Abela jiġi ppreżentat pittura *portrait* tiegħu stess mill-artist Andrew Micallef. Ġie ssuġġerit li għandha tiġi ppreżentata tifkira lis-Sinjura Patricia Cordina, li temmet l-impjieg tagħha mas-Segretarjat tal-Kunsill f'Jannar 2011, flimkien mas-Sur Mario Bonello li rtira minn Supretendent tal-Pulizija fid-Distrett f'Settembru 2010.

7.4. Dwar l-itinerarju tal-President Dr George Abela tal-Ħadd 27 ta' Frar, sar magħruf mill-uffiċċju tiegħu li meta jżur is-soċjetajiet mużikali normalment jibqa` jitkellem ma' minn ikun fil-bottegin u mhux mal-membri tal-kumitati rispettivi.

7.5. Għall-ftuħ tal-ġnien u l-*playing field* f'Mellieħa Heights, il-Kunsill ġie mgħarraf li saru kuntatti mal-Għaqda Mużikali Imperial u s-Societa` Filarmonica La Vittoria sabiex jagħmlu żewġ marċi separati fl-istess żona, li jintemmu fi Triq l-Għasel fejn ser tinkixef il-lapida mill-President ta' Malta. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li ġew mistiedna jattendu t-tfal tal-Mellieħa Football Nursery u tal-Mellieħa Basketball Team, kif ukoll persuni li jkunu qed jagħmlu xogħol ta' arti u artiġġjanat.

7.6. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa aktar 'il fuq.

7.7. F'dak li huwa isem għall-ġnien u l-*playing field* f'Mellieħa Heights, tressaq suġġeriment sabiex jissemma "Ġnien Ta' Fuq San Pawl", peress li fil-passat iż-żona kienet magħrufa b'dak l-isem. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona l-isem "Ġnien Ħidmet il-Volontarjat" sabiex ifakkar ix-xogħol volontarju li jsir fil-Mellieħa.

7.8. Il-Kunsill approva l-isem ta' "Ġnien Ħidmet il-Volontarjat", kif ukoll li fuq il-lapida illi ser tinkixef mill-President ta' Malta jiġi ndikat li waqt dan l-avveniment kien hemm preżenti s-Sindku u l-Kunsillieri. L-istemmi tal-Kunsill Lokali u tal-EDEN għandhom jiġu nklużi wkoll fin-naħa ta' fuq tal-lapida.

## 8.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

***"Billi skond il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skond it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandu jiġi ppreżentat il-Budget u l-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill sa l-aħħar Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u***

***U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduti Nru. 46 u 47 tas-16 ta' Diċembru 2010 u t-12 ta' Jannar 2011, kif ukoll saret laqgħa għar-residenti tal-lokalita`, skond ma jitlob l-imsemmi Att;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2011 u l-Business Plan għas-snin 2011/2013, skond l-abbozz finali mressaq.".***
**(F/1/22)**

8.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo.

## 9.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku E. Bartolo li tgħid:

***"Billi permezz ta' skema mħaddma mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-Kunsill talab biex jissieħeb fi private public partnership bil-għan li jsir xogħol ta' resurfacing ta' toroq ġewwa l-Aħrax, fosthom Triq l-Armier fil-parti bejn Triq il-Marfa u Triq Ramlet il-Qortin;***

***Billi l-istess skema torbot lill-istess Dipartiment sabiex jagħmel tajjeb għal 30% tan-nefqa stmata, filwaqt li l-kuntrattur magħżul jitħallas fuq medda ta' disa' snin (2019) skond skeda ta' pagamenti nkluża fil-kuntratt relattiv;***

*Billi saret sejħa għall-offerti u evalwazzjoni mit-Tender Adjudication Board fejn ġie rakkomandat l-offerent li għandu jingħata l-kuntratt, filwaqt li ġew ivvutati l-fondi meħtieġa fl-Estimi għas-sena finanzjarja 2011 u fil-Pjan ta' Ħidma 2011-2013;*

*Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt dwar ix-xogħol tar-resurfacing għandu jingħata lill-offerent Central Asphalt Ltd skond il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.".* **(T/4/17/Vol I)**

9.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

## 10.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier J. Buttigieg li tgħid:

*"Billi permezz tal-Iskema dwar Finanzjament għal-Lokalitajiet Sostenibbli, imħaddma mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, ġiet allokata s-somma ta' €20,000 bil-għan li titfassal Strateġija dwar Żvilupp Sostenibbli fil-Mellieħa;*

*Billi saret sejħa għall-offerti skond ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex tinstab entita` li hija kwalifikati tagħmel dan l-istudju, kif ukoll saret l-evalwazzjoni mit-Tender Adjudication Board tal-offerti li sussegwentement saru;*

*Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għas-sottomissjoni tal-istudju msemmi għandu jigi ffirmat mad-ditta E.R.C.S. Ltd, skond il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (C/3/2/Vol II)*

10.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier H. Fenech.

## 11.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku E. Bartolo illi tgħid:

*"Billi permezz tal-Programm dwar l-Iżvilupp Rurali ta' Malta 2007-2013, iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, ġiet allokata s-somma ta' €353,994 taħt il-Miżura 323, bil-għan li jinħoloq heritage trail f'Selmun u l-Imġiebaħ;*

*Billi skond il-ftehim iffirmat mal-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, hemm provdut li għandu jkun hemm servizz ta' Project Manager;*

*Billi saret sejħa għall-offerti skond ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex jingħata s-servizz imsemmi, kif ukoll saret l-evalwazzjoni mit-Tender Adjudication Board tal-offerti li sussegwentement saru; u*

*Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għas-servizz ta' Project Management għandu jigi ffirmat mal-Perit Joseph Attard skond il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta".* **(P/10/3/Vol II)**

11.2. Il-Kunsillier P. Cutajar ippropona li l-ewwel paragrafu tal-mozzjoni għandu jinqara hekk:

*"Billi permezz tal-Programm dwar l-Iżvilupp Rurali ta' Malta 2007-2013, iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, ġiet allokata s-somma ta' €353,994 taħt il-Miżura 323, filwaqt li jeżistu prospetti tajbin li issir allokazzjoni oħra taht il-miżura 313 bil-għan li jinħoloq heritage trail f'Selmun u l-Imġiebaħ;".*

11.3. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-mozzjoni bl-emenda mressqa, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Azzopardi.

## 12.1. Rapport mill-Fundazzjoni ARKEO dwar il-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/Vol II)

12.2. Is-Sindku għarraf li għal din il-parti tas-seduta kellu jattendi s-Sur Ernest Vella mill-Fundazzjoni ARKEO, iżda talab li jiġi skużat peress li ma setax jattendi. Minkejja dan huwa bgħat *e-mail* qabel is-seduta fejn ta ħjiel dwar kif jista' jiġi organizzat il-kumpless ta' rziezet f'Selmun. Is-Sur Vella qal li għandha tinkiseb pjanta tal-Crown Property Plans tal-1866 li possibilment turi l-istess binjiet. Dan sabiex wieħed ikun jista' jara kif żviluppa dan il-kumpless matul iż-żmien.

12.3. Idejat oħra li saru mill-ARKEO huma li:

- tittieħed parti mix-xagħra li hemm fejn l-irziezet sabiex fiha tinbena qiegħa;
- tneħħija ta' arbli tal-elettriku u telefon li jinsabu fejn l-irziezet;
- trobbija ta' annimali fl-irziezet;
- mixtla ta' pjanti indiġini u ħanut minn fejn dawn jistgħu jinbiegħ;
- faċilitajiet sanitarji, uffiċċju u cafeteria;
- tneħħija ta' kmamar li nbnew maż-żmien;
- tneħħija ta' siġar tal-bajtar tax-xewk u minflok jitħawwlu pjanti indiġini;
- jinħoloq passaġġ li jgħaqqad l-irziezet kollha;
- tingħalaq it-triq bejn il-Bir tal-Ħnejja u l-irziezet;
- il-Batterija tal-Mistra tinbidel f'ċentru ta' informazzjoni bl-istorja tal-istess batterija u fortifikazzjonijiet tal-Kavallieri fil-Mellieħa. Jista' wkoll jinkludi tagħrif dwar il-wirt naturali u storiku tal-Mistra, Irdum il-Bies, il-Blata u l-Gżejjer ta' Selmun.

12.4. Is-Sindku għarraf ukoll li s-Sur Joaquim F. Silva Pinto, il-Kap Eżekuttiv ta' Banif Bank ittieħed fuq il-post u jidher li l-bank lest li jikkonsidra l-għoti ta' vetturi mħaddma bil-batteriji biex jintużaw mill-viżitaturi tal-*heritage trail*. Is-Sur R. Cutajar qal li sar kuntatt mad-ditta Merill Eco Tours (Malta) li hija nteressata fit-tmexxija tal-*heritage trail*.

12.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li dakinhar tas-seduta, saret il-laqgħa ta' kull xahar mal-*Paying Agency*, li ġiet mgħarrfa bl-iżviluppi li kien hemm dwar il-pjan tal-implimentazzjoni.

12.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 13.1. Introduzzjoni ta' arranġamenti ġodda tat-traffiku fit-toroq ewlenin (T/5/1/Vol II)(T/3/3/Vol IV)

13.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li jkun avvanz kbir jekk il-karozzi tal-linja ma jibqgħux jużaw Triq Ġorġ **Borg Olivier u Triq il-Kbira għat-telgħa, s**abiex jiġu eliminati l-problemi ta' konġestjoni. Biex jiġi evitat inkonvenjent għar-residenti fiż-żoni ta' wara l-knisja u Ġnien Ingraw, ikun aħjar li t-toroq ewlenin jibqgħu *two-way* għall-vetturi ż-żgħar biss. Min-naħa l-oħra, il-General Retailers & Traders Union tista' tagħti l-kontribut tagħha billi titlob lill-membri tagħha jqassmu l-merkanzija fil-ħinijiet meta jbatti x-xogħol. Huwa għalhekk ippropona li d-diriġenti tal-GRTU għandhom jiġu mistiedna jattendu s-seduta li jmiss.

13.3. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li r-residenti ta' Triq Dun Franġisk Sciberras jista' jitħallihom aċċess mid-direzzjoni ta' Triq l-Erwieħ, filwaqt li jingħatalhom ħruġ għal Triq il-Kbira minn Triq Franġisk Zahra.

13.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummeta li Triq Franġisk Zahra hija ristretta wisq biex tiġi kkunsidrata għal dan il-għan.

13.5. Il-Kunsillier C. Bartolo rrimarka li dawk il-vetturi li jkunu fi Triq Ġorġ **Borg Olivier,** minn Triq Sant' Anna 'l isfel, ser ikunu kostretti li jmorru fid-direzzjoni ta' wara l-knisja u Ġnien Ingraw.

13.6. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna għall-fatt illi ma jeżistix infurżar konsistenti fit-toroq ewlenin u b'hekk il-*tow zones* qed ikunu okkupati għal ħafna ħin tal-ġurnata. Huwa rrimarka wkoll illi l-ipparkjar fil-parti d-dejqa ta' Triq Ġorġ Borg Olivier għandu jispiċċa għal kollox.

13.7. Il-Viċi Sindku wieġeb li l-infurzar kontinwu fit-toroq ewlenin jinvolvi spejjeż kbar, filwaqt li fil-passat meta dan żdied, il-Kunsill ġie akkużat b'deskriminazzjoni u telf ta' negozju.

13.8. Il-Kunsillier H. Fenech ikkummenta li l-introduzzjoni tal-*one-way* fi Triq Ġorġ Borg Olivier tagħmilha possibbli li jitwessgħu l-bankini, illi finalment iħajru lin-nies jiffrekwentaw il-post filwaqt li jiġġeneraw kummerċ fin-negozji ta' dik iż-żona.

13.9. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li r-residenti ta' Triq is-Santwarju u Ġnien Ingraw m'humiex jaċċettaw illi jgħaddi t-traffiku li jitla' mill-Għadira, filwaqt li lanqas m'huma kontra li jgħaddu l-*feeder lines* tal-linja u t-traffiku intern. Dan ħareġ fil-laqgħa li saret magħhom ftit ġimgħat qabel. Is-Sindku talab li d-diskussjoni tkompli f'seduta oħra bil-possibilita` li jiġu studjati alternattivi oħra. Is-Sindku aċċenna li l-Kunsill għandu jasal għal deċiżjoni li tkun tirrifiletti l-interess tal-komunita` Melleħija in ġenerali, b'aċċenn fuq l-ambjent, is-sigurta` u anke t-tkattir tal-kummerċ. Saħaq li huwa mpossibbli li deċiżjoni daqshekk delikata togħġob lill-kullħadd. Is-Sur R. Cutajar tenna li l-introduzzjoni ta' rotot ġodda fis-sistema ġdida tat-trasport pubbliku ser tkun qed tagħti possibiltajiet ġodda biex aktar nies jersqu lejn Triq Ġorġ Borg Olivier.

## 14.1. Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/2/Vol IV)

14.2. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni fuq dan is-suġġett billi rrefera għall-minuta 8.8 tas-seduta preċedenti, fejn il-Kunsillier J. Buttigieg ġie kkwotat li qal illi, sabiex il-fond propost li jinxtara jkun aċċessibbli, ikun jeħtieġ li tinżamm miftuħa l-parti eżistenti bi dħul minn Triq il-Mitħna l-Ġdida. Is-Sur C. Cutajar qal li dan ma jista' jiċħdu ħadd, iżda staqsa dwar jekk hemmx xi dubju li l-attivitajiet żdiedu tant li jimmeritaw tkabbir tal-faċilitajiet eżistenti. Huwa tenna li fid-dawl ta' din il-ħtieġa, jagħmel ħafna sens li jinxtara l-fond battal li jmiss mal-uffiċċju attwali. Huwa fakkar ukoll li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ta l-kunsens tiegħu biex isir dan il-pass mingħajr il-ħtieġa ta' sejħa għall-offerti.

14.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrimarka li l-Kunsill telaq b'mod ħażin fuq din il-materja, filwaqt li għaġġel wisq billi bdew isiru kuntatti mas-sid mingħajr ma kien hemm diskussjoni qabel fil-Kunsill. Aċċenna wkoll li lanqas kienu ġew ivvutat flus għal dan il-għan fl-Estimi għas-sena finanzjarja April / Diċembru 2009. Is-Sur Buttigieg iddikjara li huwa ser jastjeni milli jivvota.

14.4. Is-R. Cutajar wieġeb li huwa ma baqax jippersisti dwar ix-xiri fil-perjodu msemmi, proprju għaliex ried jirrispetta l-Estimi. Qal ukoll illi l-kuntatti li saru fil-bidu kienu informali, iżda ż-żewġ laqgħat li saru wara mal-kumitat tal-Mellieħa Sports Club (MSC) inżammu wara li l-Kunsill kellu f'idejh l-istima u r-rapport tal-Perit Joseph Attard, kif ukoll wara li kien hemm diskussjoni f'diversi seduti u l-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa ġibed l-attenzjoni li min**barra l-prezz, hemm *items* oħra ta' natura legali li jinvolvu l-MEPA illi għad iridu jiġu ċċarati mal-MSC.**

14.5. Il-Kunsillier J. Azzopardi staqsa dwar jekk il-Kunsill kienx jaħseb għat-tkabbir tal-uffiċċju kieku ma tbattalx il-fond li kien użat mill-MSC. Is-Sur Azzopardi ddikjara li huwa wkoll kien ser jastjena minn xi vot li jista' jittieħed fuq din il-materja.

14.6. Il-Kunsillier H. Fenech qal illi l-ħtieġa ta aktar spazju biex il-Kunsill ikun jista' jiffunzjona aħjar ilha tinħass, u għaldaqstant din l-opportunita` m'għandiex tintilef.

14.7. Il-Kunsillier C. Bartolo rrimarka li għalkemm l-uffiċċju attwali jmiss mal-bini tal-MSC, iż-żewġ binjiet xorta waħda ser jibqgħu jitqiesu separati minħabba d-diżlivell li jeżisti, kif ukoll bit-taraġ li hemm fuq in-naħa tal-MSC. Is-Sur C. Bartolo stqarr ukoll li huwa ser jastjeni minn xi vot li jista' jittieħed fuq dan is-suġġett.

14.8. Il-Kunsillier P. Cutajar iddikjara li huwa membru fil-Kumitat tal-Mellieħa Sports u għalhekk kien qed jirtira mid-diskussjoni fuq dan is-suġġett minħabba konflitt ta' interess.

14.9. Wara li kull kunsillier kellu l-opportunita` li jitkellem fuq is-suġġett, is-Sindku talab li jittieħed vot dwar jekk il-Kunsill għandux ikompli t-taħditiet mal-Kumitat tal-MSC bil-għan li jwasslu għax-xiri tal-fond Nru. 4, Triq il-Madonna ta' Fatima. Ir-riżultat tal-votazzjoni kien hekk:

| | |
|---|---|
| Favur li jitkomplew it-taħditiet għax-xiri tal-fond | 3 |
| Kontra li jitkomplew it-taħditiet għax-xiri tal-fond | 0 |
| Astensjonijiet | 3 |

14.10. Il-proposta li jitkomplew it-taħditiet għaddiet.

**15.1. Studju dwar it-tendenzi tar-riħ (P/5/8/A)**

15.2. Is-Sindku rrefera għall-*monitoring station* li kien twaqqaf mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali fil-Ponta tal-Aħrax. Is-Sur R. Cutajar qal li l-istess ministeru ħabbar li r-riżultati tal-istudju li sar indikaw illi l-qawwa tar-riħ reġistrata hija biżżejjed sabiex tirrendi vijabbli l-armar ta' *wind farm* fuq il-baħar fiż-żona tas-Sikka l-Bajda. Għaldaqstant, jidher li l-Gvern ser jissokkta bil-pjani tiegħu biex jilħaq il-miri stabbiliti mill-Unjoni Ewropea f'dak li jirrikwarda l-livell ta' emissjonijiet, kif ukoll inaqqas l-ispiża tal-*fuel* biex jitħaddmu l-*power stations*.

15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**16.1. Ftehim - Tmexxija tax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija (A/6/7/2/Vol II)**

16.2. Is-Sindku rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta Nru. 46 tas-16 ta' Diċembru 2010 dwar il-ftehim imsemmi. Huwa qal li ġie avviċinat mis-Sur Joseph DeBono – il-President tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina – li qed joġġezzjona għall-Klawsola 21 (*Consequency of Termination*). Dan peress illi l-għaqda qed tinsisti li tingħata kumpens għall-immobbli u *fixtures*, kif ukoll djun li jista' ikun f'każ li l-ftehim jiġi terminat. Għaldaqstant huma talbu li terġa tiġi ntrodotta il-Klawsola 23 tal-ftehim oriġinali li kien sar fis-26 ta' Marzu 2002 u mġedded fis-27 ta' Marzu 2005. Talbu wkoll li l-ftehim ikun għal ħames snin minflok tlieta.

16.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li t-test tal-Klawsola 21 ġie mgħoddi lill-għaqda skond il-minuti approvati tas-Seduta Nru. 46. Huwa qal li kemm-il darba tiġi approvata l-emenda proposta minn għaqda, il-Klawsola 21 tkun trid tiġi mneħħija.

16.4. Il-Kunsill iddeċieda li d-diskussjoni fuq dan is-suġġett għandha titkompla fis-seduta li jmiss, sabiex il-kunsillieri jkollhom kopja tat-test sħiħ tal-Klawsola 21, kif ġie approvat fis-seduta 46 u dak li qed tippropona l-għaqda bl-inklużjoni mill-ġdid tal-Klawsola 23 tal-ftehim oriġinali.

16.5. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li ftehim isir għal ħames snin.

17.1. **Attivitajiet organizzati mill-Malta Cycling Federation (A/6/3/2/Vol 14)**

17.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf lill-Kunsill illi kellu laqgħa mas-Sur John Zammit mill-federazzjoni msemmija fejn intqal li matul l-2011 ser jiġu organizzati minn tnejn sa tliet tlielaq fil-lokalita`. L-ewwel waħda, ippjanata għad-9 ta' April, għad irid jiġi deċiż jekk hijiex ser issir fil-Mellieħa jew f'Għawdex. Fil-każ li ssir fil-Mellieħa, qed jiġi propost li tkun fi Triq Lewis Wettinger, bejn ir-*roundabout* ta' Triq Qasam Barrani u dik ta' Selmun, għalkemm tal-aħħar ser tibqa' miftuħa għat-traffiku. It-tellieqa tibda minn fejn ir-*roundabout* ta' Selmun, tul Triq Lewis Wettinger, iddur għal Triq il-Prajjet u mistennija tieħu bejn l-10.00am u n-12.30pm. Is-Sur E. Bartolo qal li huwa għamilha ċara li jrid jitħalla aċċess għal Manikata billi l-ġurnata ser tkun is-Sibt.

17.3. Is-Sur E. Bartolo kompla jgħid li t-tieni tellieqa ser tkun nhar Ħadd il-Għid fl-24 ta' April u ser jużaw l-istess rotta deskritta fil-minuta 17.2 aktar 'il fuq. F'dan il-każ sar emfasi li sal-10.00am Triq Lewis Wettinger u Dawret il-Mellieħa jridu jinfetħu għat-traffiku sabiex tiġi evitata konġestjoni fil-qalba tal-Mellieħa.

17.4. Il-Kunsill ġie nfurmat li t-tielet tellieqa ser tkun nhar il-Ħadd 24 ta' Lulju u ser tkun tinvolvi Triq il-Miżieb u parti minn Triq Lewis Wettinger. Ikun meħtieġ li tingħalaq parti mill-karreġġjata fejn tibda Triq il-Miżieb. L-arranġamenti mal-Pulizija għandhom jsiru kollha mill-Federazzjoni.

17.5. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**18.1. Devoluzzjoni tal-Palazz tal-Marfa (A/6/7/Vol II)**

18.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg rrefera għal avviż ippubblikat mid-Dipartiment Proprjeta` tal-Gvern fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment dwar il-bini msemmi. Id-Dipartiment sejjaħ għall-espressjoni ta' interess minn entitajiet jew persuni li huma interessati jikkonservaw u jmexxu dan il-bini. Dan l-eżerċizzju qed isir sabiex id-Dipartiment ikun f'posizzjoni li jidentifika għażliet varji kif dan il-bini jista' jintuża. Is-sejħa ser tibqa' miftuħa sat-22 ta' Frar 2011 fl-10.00am.

18.3. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jwieġeb għal din is-sejħa billi jesprimi l-opinjoni tiegħu bil-kollaborazzjoni tal-Fundazzjoni Il-Mellieħa, liema organizzazzjoni hija favur li dan il-post jiġi rrestawrat u mibdul f'mużew.

18.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 19.1. Radam fi fl-inħawi Ta' Msid (T/10/Vol II)

19.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għal azzjoni diretta li ttieħdet mill-MEPA fil-21 ta' Jannar 2011 biex jitwaqqaf radam li kien għaddej fuq art pubblika fuq medda ta' 3000 metru kwadru, fl-inħawi msemmija. Is-Sur Buttigieg staqsa dwar x'ser jiġri minn mit-terrapien li nġieb fuq il-post li f'ċerti partijiet jlaħħaq żewġ metri għoli.

19.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mat-Taqsima tal-Infurzar tal-MEPA, billi jidher li l-MEPA ser tapplika l-prinċipju illi minn iħammeġ iħallas.

## 20.1. Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018 (N/1/Vol II)

20.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna għall-konferenza stampa li ngħatat mis-Segretarju Responsabbli mill-Kultura l-Onor. Mario De Marco fejn tħabbar li Malta tefgħet in-nominazzjoni tagħha sabiex tiġi dikjarata bħala l-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018. Din in-nomina tirreferi għal 250 attivita' f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex.

20.3. Is-Segretarju għarraf permezz ta' ittra datata 3 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill ġie mistieden jieħu sehem, u fil-fatt ġie ffirmat dokument sabiex juri l-intenzjoni tal-Kunsill Lokali li jkun parti f'din in-nomina li qed isir flimkien mal-lokalitajiet kollha fil-Gżejjer Maltin.

20.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 21.1. Tħawwil ta' siġar f'Wied Musa (A/3/Vol III)

21.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi għarraf li huwa ġie avviċinat mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Mellieħa sabiex il-Kunsill jipprovdi numru ta' siġar ħalli jitħawlu fl-inħawi tal-Wied Ta' Msid, ġewwa l-Aħrax.

21.3. Fid-dawl tal-fatt li sena qabel, l-istess għaqda ingħatat 100 siġra, kif ukoll li l-Kunsill ħawwil numru ta' siġar fil-Foresta 2000 ftit tax-xhur qabel, ġie deċiż li din it-talba ma tistax tintlaqgħa.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fil-11.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn l-21 ta' Frar 2011, fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**